**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' Mejju, 2017

Rikors Guramentat numru : 94/13 AL

A B

vs

C B D
Direttur tar-Registru Pubbliku
Dr Patrick Valentino u il-PL Joanna Dingli nominati b'digriet tal-24 ta' Gunju 2013 bhala Kuraturi Ad Litem biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri E B u b'digriet tal-21 ta' April 2015 gie kjamat fil-kawza I I u b'digriet tad-9 ta' Marzu 2017 il-kuratur deputat il-PL Joanna Dingli giet sostitwita bil-PL Jean Pierre Busuttil

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata C B D zzewgu nhar il-hdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) (Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A');

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied minuri F u G ahwa B (Certifikati tat-twelid tal-minuri hawn annessi u komplessivament immarkati bhala 'Dok B');
3. Illi nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012), l-intimata C B D, welldet iben minuri illi hija semmiet E B certifikat tat-twelid tal-minuri hawn anness u mmarkat bhala 'Dok D';
4. Illi dan il-minuri twieled minn relazzjoni extra-matrimonjali illi l-intimata kellha ma terza persuna illi mhux ir-rikorrenti zewgha;
5. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti mhux il-missier naturali tal-minuri E B, u dan kif evidenzjat minn test xjentifiku u cioe rizultat ta' test tad-DNA (kopja tat-test hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok E');
6. Illi izda, fic-certifikat tat-twelid tal-minuri E B, ir-rikorrenti huwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifel minuri, u dan minhabba l-presunzjoni legali li min jitnissel fiz-zwieg hu presunt li hu wild il-konjugi, u dan kif kontemplat fil-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Illi ghalhekk l-esponenti ma jixtieqx illi ismu jibqa registrat fil-parti dedikata ghad-dettalji tal-missier;

Talab ghar-ragunijiet suesposti li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. Tiddikjara illi huwa mhux il-missier naturali tal-minuri E B, imwieled fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012), u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;
ii. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel id-debita korezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri E B, fis-sens illi fil-parti dedikata ghad-dettalji tal-missier, jigi kancellat isem ir-rikorrenti A B, u, minflok dan id-dettal, jigi sostitwit bil-kliem 'missier mhux maghruf';

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha eccepixxa: fol. 41

1. Illi jiġi rilevat li l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;

2. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, l-esponent xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri E B, li l-konvenuta C B D tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili**. Di fatti huwa opportun li t-tifel ikun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

3. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenuta C B D (fol. 43), li permezz taghha hija qed tammetti ghat-talbiet tal-attur fis-sens li qed taqbel li E B ma huwiex il-wild naturali ta' A B;

Illi l-missier naturali tal-minuri huwa H I;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Patrick Valentino u il-PL Joanna Dingli, li permezz taghha eccepew fol. 51 :

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u

aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Patrick Valentino u il-PL Joanna Dingli;

Rat illi l-kjamat fil-kawża, I I, deher għall-udjenza tal-4 ta' Ġunju 2015 fejn huwa ta ruħu b'notifikat bl-avviż tas-smigħ u l-atti kollha tal-kawża; Minkejja dan, huwa ma ppreżentax risposta ġuramentata u għaldaqstant huwa kontumaċi;

Semgħet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[1], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 70, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna.

Rat illi l-kawża ġiet intavolata eżattament sitt xhur mit-twelid tat-tarbija u għalhekk fit-terminu konċess mill-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, għall-preżentata ta' azzjoni ta' din ix-xorta;

Rat illi mill-atti jirriżulta illi l-attur A B m'huwiex il-missier naturali tal-minuri E B imwieled lill-konvenuta nhar l-14 ta' Novembru 2012, u dana kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dr. Marisa Cassar[2].

Rat illi l-missier naturali tal-minuri E B huwa I I detentur tal-karta tal-identita` bin-numru xxxxxx(M) kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti wkoll minn Dr. Marisa Cassar[3];

---

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[2] Dokument D allegat mar-rikors ġuramentat, fol. 9 u affidavit fol. 73 et seq.

[3] Affidavit fol. 73 et seq.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata minn żewġ l-omm ("the husband") għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-minuri E B. L-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri tnissel u twieled matul iż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta, dana m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu. Jallega illi martu, matul il-konvivenza tagħhom fiż-żwieġ, kellha relazzjoni intima ma' ħaddieħor li minnha ġie mnissel il-minuri E. Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tal-attur jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat.

Il-Qorti tifhem illi proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, l-istess minuri E ġie mniżżel bħala l-wild naturali tal-attur A B, qua żewġ omm it-tarbija. Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur effettivament u għall-kuntrarju ta' kull preżunzjoni legali, m'huwiex il-missier bijoloġiku tal-minuri E B.

Il-Qorti tirrileva li qua żewġ l-omm (the husband), l-unika azzjoni spettanti lill-attur hija dik ta' denegata paternita` illi permezz tagħha huwa jċaħħad lill-minuri mill-paternita` tiegħu. M'għandux il-fakolta` li jitlob li l-missier naturali jiġi hekk dikjarat. Fil-fatt, fil-każ odjern, l-attur kull ma qiegħed jitlob huwa biss li huwa ma jibqax rikonoxxut bħala missier il-minuri;

Illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jissottometti illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tista'

tiddikjara min huwa l-missier naturali tal-minuri. L-imsemmi Artikolu 149 jistipula:

***149. B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel.***

Il-Qorti ma taqbilx illi l-artikolu ċċitat jista' japplika għall-każ odjern, u dana stante li l-imsemmi artikolu jifforma parti mil-liġi li titratta s-setgħat tal-ġenituri u mhux il-filjazzjoni tal-ulied. L-azzjoni tal-filjazzjoni tispetta jew lill-missier naturali ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, jew lill-omm ai termini tal-Artikolu 77B tal-istess Kodiċi jew lill-iben innifsu ai termini tas-Subtitolu II tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili. Dan dejjem kien l-insenjament ta' din il-Qorti f'każijiet simili, bħal fil-kawża AB vs. Cb et noe[4] deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Diċembru 2016.

Il-Qorti inoltre tirrileva li minkejja li l-omm (il-konvenuta C B D) ippreżentat nota t'ammissjoni għat-talbiet tal-attur, u minkejja li fl-istess nota hija tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri huwa I I, fl-ebda stadju ma talbet lill-Qorti, anke permezz ta' xi kontro-talba appożita, sabiex l-istess I I ikun iddikjarat bħala l-missier naturali u bijoloġiku ta' binha E, minkejja li talbet illi dan ikun ikkjamat fil-kawża.

Illi minkejja li sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur, jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ, il-Qorti, f'dan il-każ, m'għandhiex il-fakolta` li takkolji l-eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pulliku, fl-ewwel lok għaliex l-oġġezzjoni tad-Direttur hija ta' natura eċċezzjonali u mhux talba *per se* u l-Qorti ma tistax toħroġ mill-parametri tat-talba kif kontenuta fir-rikors ġuramentat; fit-tieni lok, għaliex fil-fehma tal-Qorti, l-Artikolu 149 iċċitat ma japplikax għall-kawżi ta' filjazzjoni; u fit-tielet lok, għaliex il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux l-interess ġuridiku illi jitlob dan, stante li kif

[4] Rikors Ġuramentat 244/15AL

diġa ntqal, il-liġi takkorda d-dritt ta' azzjoni ta' filjazzjoni biss lill-wild, lill-omm jew lill-missier naturali.

Illi fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti m'għandhiex għażla għajr li tiċħad l-eċċezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Illi għall-kjarezza, il-Qorti tiddikjara illi stante li t-talba tal-attur ġiet intavolata fit-terminu tas-sitt xhur mit-twelid tat-tarbija, bl-applikazzjoni tat-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, rigward il-kunjom li għandu jassumi l-minuri E B b'effett mill-preżenti, dana għandu jkun D.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

1. Tiddikjara illi l-attur A B m'huwiex il-missier naturali ta' E B imwieled fl-14 ta' Novembru 2012;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmi minuri, kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-attur;

3. Tiddikjara illi l-minuri għandu jkun magħruf bil-kunjom D;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta C B D.